MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 2137/2002/1

**Robert Agius**

**vs**

**It-Torri Interiors Limited;
u b' digriet ta' l-20 ta' Frar, 2003 gie kjamat in kawza
Boris Arcidiacono personali u Arcidiacono Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Gunju, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fi-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru 2002 fejn 1-attur talab sabiex is-socjeta` konvenuta thallas 1-ammont ta' Lm575 (hames mija u hamsa u sebghin lira

Maltin) rapprezentanti ta' servizzi professjonali resi mill-attur lis-socjeta' konvenuta.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin lira (Lm575) rapprezentanti drittijiet ghal servizzi professjonali resi mill-attur lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-interessi mill-1 ta' Ottubru 2001 data tal-fattura, il-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn inghad li:-
Li s-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra d-digriet tal-20 ta' Frar 2002 fejn gew kjamati fil-kawza Boris Arcidiacono personalment u s-socjeta` Arcidiacono Ltd.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza fejn inghad li:-
Li t-talba attrici, in kwantu intavolata fil-konfront tal-kjamat in kawza Boris Arcidiacono u Arcidiacono Ltd, hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi huma m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mal-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:-
Illi l-attur qed jitlob il-pagament ta' servizzi professjonali rezi lis-socjeta` konvenuta. In vista tax-xhieda tad-dirretur, gew kjamati fil-kawza Boris Arcidiacono personali u Arcidiacono Ltd. Dana aktar u aktar in vista tal-eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika. Huwa relevanti li din l-eccezzjoni giet sollevata, anke l-unika wahda, anke mill-kjamati fil-kawza.

Illi nuqqas ta’ prestazzjoni tal-allegati servizzi giet indikata per ‘via discorrendo’ minn Boris Arcidiacono waqt ix-xjhieda tieghu. Pero` ix-xhieda eventwalment prodotti in vista tas-sosten tieghu – ossia Arthur Muscat u Julian Sant Fournier ikkonfermaw li verament u effettivament l-attur ippresta s-servizzi minnu allegati. Ix-xhieda tieghu giet skjantata ghall-ahhar minnhom.

Illi anke mill-lat ta’ ekwita, il-konvenut ma ghandhux joqghod japprofitta taht il-kappa ta’ rapprezentanza ossia jew personali jew ta’ xi socjeta` minn tieghu. Ghandhu jigi skjarit ‘ab initio’ ma min lil min ser jigu prestati s-servizzi biex proceduri simili ma jirrikorux.

Jiddiciedi billi, jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` tal-konvenuta, tal-kjamati fil-kawza, jilqa` t-talba attrici, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta u lil kjamati fil-kawza ihallsu in solidum bejniethom is-somma ta’ hames mija seba` u hamsin Lira (Lm575) bl-ispejjez u interessi kif mitluba kontra l-istess socjeta` konvenuta u kjamati fil-kawza.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta u l-kjamati in kawza. Mill-kontenut ta’ l-appell jidher li l-appellanti qeghdin jimpunjaw is-sentenza appellata billi jiddeducu dawn il-gravami:-

(1) It-Tribunal mar kontra d-dettami ta’ l-ekwita` in kwantu dan iddikjarahom kondebituri solidali. Huma jsostnu illi ma kienux jezistu provi li setghu wasslu lill-gudikant ghall-konvinciment morali li l-appellanti kellhom responsabilita` solidali;

(2) Jinsistu li kien hemm ukoll ksur tal-principju ta’ l-ekwita` ghar-raguni illi l-attur qatt ma gie ingaggat biex jippresta servizz li tieghu kien qed jitlob il-hlas. Huma jissottomettu illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta li kien hemm ingagg bhal dan u dippju l-attur qatt ma ta indikazzjoni li kien qed jippretendi hlas ghal-laqghat inizzjali;

(3) Is-sentenza hi monka ghax nieqsa mir-ragonament li jista' b' xi mod jitfa' dawl fuq il-motiv tad-decizjoni;

Kif jirrizulta, l-aggravji kontenuti fl-appell huma diversi. Ghar-raguni ovvja, pero`, dawn ma jistghux jigu ezaminati *seriatim* in kwantu l-Qorti thoss illi jekk it-tielet aggravju jinsab fondat dan iwassal biex l-istess sentenza tigi annullata;

L-appellanti jiprospettaw fit-tielet aggravju taghhom id-dubju li s-sentenza hi nieqsa mill-motivazzjoni bazika mehtiega. Huma jadducu dan mill-fatt illi d-difiza taghhom giet injorata ghal kollox minghajr ebda spjegazzjoni;

Ghall-argoment kontenut f' dan l-aggravju jirrispondu dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Ibda biex in linea ta' principju, kif ormai pacifikament assodat, il-volonta` tal-gudikant tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispositiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din definit u spjegat (**Kollez. Vol. XXX P I p 131; Vol. XXXVIII P I p 51**);

(2) Fil-kaz in ezami, fil-fehma tal-Qorti, hemm bizzejjed indikazzjonijiet fil-motivazzjoni tas-sentenza ta' x' kienu l-elementi fattwali li wasslu ghall-konvinciment tat-Tribunal. Il-parti operattiva tas-sentenza appellata li fuqha hu bazat id-dispozittiv hi koncepita f' termini li minnhom jirrizulta li t-Tribunal emmen, fuq il-bazi tax-xhieda, illi l-attur ippresta servizz u li l-appellanti ma kienux gustifikati fid-difiza taghhom tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika;

(3) Huwa veru li fis-sentenza ma nsibux argomentazzjoni dettaljata ta' kif it-Tribunal wasal ghad-deduzzjonijiet tieghu izda minn naha l-ohra ma jidherx li dan skarta dak il-minimu sufficcjenti rikjest b' indikazzjoni ta' dawk il-konsiderazzjonijiet li ha fid-deliberazzjoni tieghu

biex wasal ghad-decizjoni tieghu. Anke jekk allura il-motivazzjoni mhix wahda elaborata din taghti indikazzjoni bizzejjed ghaliex it-Tribunal iddecieda kif iddecieda;

L-aggravju allura fuq dan il-punt qed jigi respint;

Il-Qorti lanqas ma taqbel ma' dak sostenut mill-appellanti fit-tieni aggravju taghhom. Fil-fattispeci, fuq il-bazi tar-rizultanzi istruttorji, din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, tara li kien hemm da parti ta' l-attur appellat il-prestazzjoni ta' servizz bl-impjieg ta' dik l-intelligenza u hidma fil-mizura mahsuba li twassal ghal rizultat utli mixtieq minn min ikkommissjonah. Dan hu dezumibbli mix-xhieda ta' l-*accountant* Albert Muscat (seduta 10 ta' Gunju 2004) li kkonferma illi l-attur gie mqabbad biex jidhol aktar fid-dettal f' sistema sabiex din tkun tista' tigi implimentata. Dan ix-xhud jistqarr li ghal dan il-fini kienu saru laqghat mal-kumpanija Philip Toledo Limited u kkonferma wkoll illi l-attur kien ipproduca dokumentazzjoni necessarja ghall-iskop ta' finanzjament mill-Bank. Dan jattalja ma' dak depost mix-xhud l-iehor Julian Sant Fournier tas-socjeta` Philip Toledo Limited;

Minn dan premess ma hemmx dubju illi kien jezisti rapport ko-involgenti l-attur u xi wiehed jew aktar fost is-socjeta` konvenuta u l-imsejha fil-kawza. Tali rapport jippostula l-konferiment ta' inkarigu li jista' jinghata fi kwalsiasi forma. Huwa minnu li f' kaz ta' kontestazzjoni l-prova trid tinghata minn min jippresta s-servizz, f' dan il-kaz l-attur, li jagixxi ghall-otteniment tal-hlas tal-kumpens ta' dak is-servizz. Il-Qorti hi sodisfatta mix-xhieda imsemmija u minn dak rakkontat mill-attur innifsu illi kien hemm rikjesta ta' prestazzjoni u li din saret. Ma huwiex logiku illi wiehed jahseb li tali servizz sar mill-attur minn rajh u mhux ukoll ghaliex gie hekk inkarigat. Lanqas ma huwa ragonevoli fir-realta` tal-hajja illi wiehed jahseb li l-prestazzjoni kienet mahsuba li tkun gratuwita`, qisha xi att ta' benevolenza. Jekk minn ikkommissjona xtaq li ma jadottax is-sistema proposta u htieglu ghalhekk iwaqqaf l-inkarigu dan ma jfisserx li hu m' ghandux jirrimborsa l-ispejjez u jhallas il-

kumpens ghall-opra zvolta. Dan l-aggravju, ghal dawn il-konsiderazzjonijiet, qed jigi michud ukoll;

Riferibilment ghall-ewwel aggravju, il-qaghda li temergi hi sa certu punt aktar komplessa. In linea preliminari, il-Qorti trid tirregistra b' osservazzjoni illi l-linja difensjonali sostenuta mill-appellanti hi dik komuni, u cjoe l-assenza ta' relazzjoni guridika ma' l-attur. Huwa presumibbli hafna illi l-appellanti adottaw din id-difiza in bazi ghall-argoment illi hadd minnhom ma nkariga lill-attur biex jippresta s-servizz li tieghu dan ippretenda hlas;

Kif fuq dimostrat dan l-argoment ma rrizultax li kien wiehed tenibbli. Allura jinkombi li jigi ezaminat min fost l-appellanti effettivament inkariga lill-attur appellat biex jippresta s-servizz ta' konsulenza;

Mill-kwadru tal-provi attendibbli jmergu s-segwenti:-

(1) Skond l-attur hu gie inkargiat minn Boris Arcidiacono biex jaghmillu xoghol ta' konsulenza. L-istess attur, pero`, jiddikjara wkoll illi skond id-diskussjonijiet li kellu ma' l-awditur ta' l-istess Boris Arcidiacono dan kien gharrfu illi n-negozju mahsub kien ser isir fl-interess ta' Torri Interiors Limited (fol. 30). Dan ghar-raguni li s-socjeta` l-ohra Arcidiacono Limited, li tahtha kien jiggestixxi wkoll l-attivitajiet tieghu l-imsemmi Boris Arcidiacono, kienet ser tispicca topera in kwantu kellha bosta *claims* kontriha;

(2) Albert Muscat, l-*accountant* u konsulent finanzjarju ta' Boris Arcidiacono, filwaqt li jikkonferma li dan kellu zewg kumpaniji attivi, u cjoe Arcidiacono Limited u Torri Interiors Limited, jikkorrobora lill-attur fejn jistqarr illi "dak iz-zmien kellna niddeciedu liema kumpanija kellna niehdu xi affarijiet minnha peress li kellha xi problemi, u di fatti llum hemm wahda operattiva li hija Torri Interiors Limited";

(3) Invece, skond ix-xhud Julian Sant Fournier, hu fehem li s-sistema kienet ser tkun ghal Arcidiacono Limited;

Issa m' hemmx dubju illi t-tliet appellanti lkoll ghandhom personalita` guridika distinta pero`, bir-rispett kollu, din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel mar-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal illi jqghedhom fl-istess mizien u jikkonsidrahom solidalment responsabbli. Naturalment din il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni tat-Tribunal, hekk rinfaccjat b' espedjenti legalistici f' tentattiv li jittantaw jevadu mir-responsabilita` tal-hlas ta' dak dovut lill-appellat u b' hekk jeludu l-obbligi taghhom;

Ciononostante, fil-hsieb tal-Qorti, mill-korp tal-provi kienu jezistu indizzji illi se mai kienet ser tkun is-socjeta` konvenuta mharrka li kienet ser tuzufruwixxi ruhha mis-sistema mahsuba u, allura wkoll, mill-konsulenza prestata mill-attur;

L-attur kien ghal kollox gustifikat jippresupponi u jsostni li r-relazzjoni guridika tieghu kienet mas-socjeta` konvenuta. Fir-rigward tissenjala dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Ibda biex, jispetta lill-gudikant li jezamina c-cirkostanzi kollha ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraent jew prestatur ta' servizz dwar min kien ingaggah jew inkarigah ghal certu xoghol jew servizz. Kif drabi ohra rilevat "certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji" ("**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999);

(2) F' dan il-kaz jirrizulta illi gja fl-1998 l-attur kien ghamel xoghol ta' konsulenza fl-interess tas-socjeta` konvenuta. Ara dokument minn fol. 43 sa fol. 46;

(3) L-istess Boris Arcidiacono jaccetta illi ma' l-attur iltaqa' u ddiskuta fil-veste tieghu ta' direttur tas-socjeta` Torri Interiors Limited (fol. 37);

(4) Minn imkien ma jinsab kontraddett dak ritenut mill-attur illi fit-trattativi mal-kumpanija Philip Toledo Limited, kienu Boris Arcidiacono u l-*accountant* tieghu li ssuggerew illi l-fattura u l-kont jinhargu fuq isem is-socjeta` konvenuta imsemmija;

(5) Dan igib li fil-mument rilevanti tan-negozjati mas-socjeta` Philip Toledo Limited kienet is-socjeta` Torri Interiors Limited li kienet interessata fis-sistema u allura wiehed ghandu bir-ragun jikkonkludi li Boris Arcidiacono inkariga s-servizz ta' l-attur ghan-nom ta' din is-socjeta` u mhux tas-socjeta` l-ohra kjamata in kawza li, milli ntqal, kienet fi stat finanzjarju diffikoltuz;

(6) Dan iwassal ghal konkluzjoni illi kienet il-kumpanija citata li kellha tkun ikkundannata thallas l-ammont reklamat. F' dan is-sens is-sentenza appellata tokkorri li tigi temprata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad it-tieni u t-tielet aggravji, tilqa' l-ewwel aggravju izda dan limitatament fis-sens illi tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti kollha solidalment responsabbli billi invece tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament ghandha tkun ikkundannata thallas lill-attur appellat is-somma minnu domandata fl-avviz, kompriz l-interessi. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------